**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Novembru, 2015**

Talba Numru: 787/2015JB

Kawza Numru: 13

**FM Core Limited (C49204) f'isimhom u ghan-nom ta' Shaille Association**

***vs***

**Matthew Dimech**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-22 ta' Settembru 2015, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u tlieta u hamsin euro (€753);

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-lum;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li ghas-seduta tal-lum, deheret biss rapprezentanta tas-Socjeta Attrici li kkonfermat bil-gurament illi wara l-prezentata tat-talba s-Socjeta Attrici thallset is-sorte izda ma thallsitx tal-ispejjez;

Ra n-nota a fol 11 tal-process li permezz taghha s-Socjeta Attrici cediet is-sorte stante pagament izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:
>
> (b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut wera kontumelja assoluta meta ghad li kien notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduta. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici, permezz tar-rapprezentanta taghha Gillian Mahoney, li xehdet bil-gurament, irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi. Isegwi ghalhekk li kieku ma sarx il-hlas, it-talba kienet timmerita li tigi akkolta u kwindi il-kap tal-ispejjez ghandu jigi deciz a favur tas-Socjeta Attrici;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tar-rikorrenti ghar-rigward tas-sorte stante li dan thallas, jiddecidi l-kap ta' l-ispejjez billi jordna illi dawn ghandhom ikunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*